

L-Erbgħa, 14 ta' Jannar 2009

Standards għal aspetti ta' sigurta? u bijometrika f'passaporti u dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri *I**

P6_TA(2009)0015

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Jannar 2009 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emendar tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004 dwar standards għal aspetti ta' sigurta? u bijometrika f'passaporti u dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri (COM(2007)0619 – C6-0359/2007 – 2007/0216(COD))

(2010/C 46 E/28)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0619),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 62(2)(a) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0359/2007),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat Kunitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0500/2008),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Japprova d-Dikjarazzjonijiet Konġunti meħmuża magħha;
 3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.
